MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru. 299/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**ANGELO ZARB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Angelo Zarb ta' 34 sena, bin Peter u Alfrida nee' Calleja, mwieled Pieta nhar id- 19 ta' Jannar 1974, u residenti fil-fond no 16 St. Francis, Triq l-Gharus Xekwija, Ghawdex, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 101574(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f'dawn il- Gzejjer fid- 9 ta' April 2006 f'San Pawl il- Bahar f'xi hin bejn id- disgha ta' filghodu u l- erbgha ta' wara nofs inhar volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel xi hsara f'karozza ta' ghamla Nissan bin- numru tar-registrazzjoni AND 210 waqt li kienet fi Triq il- Mosta f'San Pawl il- Bahar liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira (€116.5) u anqas minn elf lira maltin (€2330) ghad- dannu ta' terzi persuni.

2) U aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi kiser il- bon orndi u l- kwiet tal- pubbliku;

3) U aktar talli fl- istess jum, hin , lok u cirkostanzi, hedded u/jew ingurja lil Andre Chetcuti bi kliem;

4) U aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal andre Chetcuti u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa hekk kif gie iccertifikat minn Dr. M. Gonzi MD tal-Qawra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 338(dd), 339(1)(d) u (e), 221, 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati tat- tieni (2) u r-raba (4) akkuza u ghaldaqstant tilliberah waqt li ssibu hati tal- ewwel (1) u t- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti tordna hrug ta' Garanzija favur Andre' Chetcuti, ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, ghal zmien sena, taht penali ta' elf Ewro (€1,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------